MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 150/2000/1

**Vincent Camilleri**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti;**

**Preliminari.**

Fit-30 ta' Settembru, 1998 l-appellant Vincent Camilleri kien talab li jithallas ir-Retirement Pension ai termini tal-Att Dwar is-Sigurta` Socjali (Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta). B'decizjoni tat-12 ta' Frar, 1999 id-Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali infurmah illi ma kienx "*intitolat ghal beneficcju ghaliex* <u>*inti ghadek tahdem bi qliegh u taqla' aktar mill-Paga Minima Nazzjonali."*</u>

B'ittra tad-19 ta' Frar, 1999 l-appellant interpona appell mid-decizjoni tad-Direttur lill-Arbitru mahtur skond l-Artikolu 107 tal-Kap 318 u dan, b'decizjoni tal-20 ta' Marzu, 2000, cahad l-appell hekk maghmul ta' Vincent Camilleri wara li kkonsidra li:-

"*Skond l-applikazzjoni tal-appellant id-dhul tieghu matul l-1998 kien ta' LM71.80 fil-gimgha, mentri skond l-income and expenditure account minnu pprezentat f'dawn il-proceduri ghall-istess sena juri li d-dhul tieghu matul l-1998 kien ta' LM52.94 fil-gimgha.*

*"Apparti din id-diskrepanza jidher car minn ezami tad-dokumenti ezebiti illi l-fatt li l-appellant naqqas bhala klienti tieghu il-Castille Hotel, il-British Hotel u Rubino Confectionery, id-dhul tieghu fil-gimgha ta' LM71.80 ma hux mistenni li jonqos ghall-ammont inferjuri ghal LM33.16. L-arbitru ghalhekk jikkonsidra l-income and expenditure accounts ippresentati mill-appellant bhala li ma jirriflettux ir-realta` attwali tan-negozju tal-appellant."*

**L-appell ta' Vincent Camilleri lil din il-Qorti.**

Permezz ta' rikors datat 27 ta' April, 2000, Vincent Camilleri ipprevalixxa ruhu mill-provvedimenti ta' l-Artikolu 109 ta' l-Att Dwar is-Sigurta` Socjali sabiex jinterponi appell lil din il-Qorti mid-decizjoni tal-Arbitru fuq riportata u talab li din l-Onorabbli Qorti thassar id-decizjoni tal-Arbitru u taqta' hi stess it-talba originali, billi tilqa' t-talba tal-appellant ghall-Pensjoni tal-Irtir. Fir-rikors tal-appell gie rilevat mill-appellant li huwa hass ruhu aggravat bid-decizjoni msemmija nkwantu "*il-figuri zbaljati u l-argumentazzjoni rizultanti mill-istess, wasslu biex din id-decizjoni* (tal-Arbitur) *tippregudika b'mod gravi l-jeddijiet*

*tal-appellant ghax minhabba r-ragunijiet suesposti l-ezitu kellu jkun kompletament differenti minn dak kif deciz mill-Arbitru."*

In sostenn ta' din is-sottomissjoni l-appellant jghid hekk fir-rikors tal-appell:-

"*Illi fl-ewwel lok, l-appellant Vincent Camilleri applika ghall-imsemmija pensjoni f'Settembru, 1998 u allura kellu bilfors jibbaza l-imsemmija applikazzjoni fuq il-figuri tas-sena 1997;*
*"Illi kif anke xehed quddiem l-Arbitru, l-appellanti naqqas mhux biss il-klienti fissi bhal inter alia l-"Castille Hotel", "Rubino Confectionery" u l-"British Hotel", izda wkoll il-hinijiet ta' ftuh tal-bankarella numru 44, fis-suq tal-Belt;*
*"Illi l-Arbitru injora kompletament is-sottomissjoni tal-appellant illi l-bejgh mis-Suq tal-Belt, naqas b'mod drastiku <u>minn sena ghall-sena</u> rizultanti mix-xejriet godda li l-konsumaturi Maltin qeghdin ihaddnu;*
*"Illi jidher car illi l-Arbitru bbaza d-decizjoni tieghu fuq il-figura ta' LM71.80 fil-gimgha bhala d-dhul tal-appellant matul l-1998. Dan id-dhul fil-gimgha sar fl-1997. Fil-fatt kif jidher mid-dkumenti u cioe` mill-"Income u expenditure accounts" ipprezentati mill-appellanti (kopja taghhom qed tigi hawn annessa Dok A jirrigwarda l-1997, Dok B l-1998 u Dok C l-1999), id-dhul tal-appellanti matul l-1998 kien ta' LM52.94 fil-gimgha. Dan l-ahhar ammont gie accettat bhala dhul kemm mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, kif ukoll mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Dok D, E, F u G kopji tar-returns tat-taxxa u tal-VAT);*
*"Illi fl-1999 l-appellant ghamel dhul ta' LM33.16 fil-gimgha, liema somma hija ferm taht il-medja tal-Paga Minima Nazzjonali."*

Fir-risposta tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali din il-Qorti giet mitluba tikkonferma d-decizjoni appellata u konsegwentement tichad ir-rikors tal-appellant bl-ispejjes kontra tieghu u dan ghar-ragunijiet moghtija fl-istess risposta.

**Is-Sentenza ta' din il-Qorti.**

L-Att X ta' l-1987, u kif sussegwentement emendat, (Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta) jirregola, fost affarijiet ohra l-hlas ta' pensjonijiet u beneficcji li jistghu jkunu dovuti taht l-iskema ta' sigurta` socjali. Fil-kaz ta' pensjoni li tithallas wara li persuna tirtira mix-xoghol l-Artikolu 44 jipprovdi bhala regola generali li, kemm-il darba fid-data li tkun irtirat mix-xoghol, persuna tissodisfa l-kondizzjonijiet rigwardanti l-kontribuzzjonijiet maghmula in forza tal-istess Att jew in forza tan-National Insurance Act qabel ma dan gie abrogat, u t-talba ssir fi zmien sitt xhur mid-data li wiehed jirtira, dik il-persuna tkun intitolata ghall-Pensjoni ta' l-Irtir mid-data li tilhaq "pension age" u cioe wiehed u sittin sena fil-kaz ta' ragel u sittin sena fil-kaz ta' mara.
Fil-kaz ta' "self-employed" li jibqa' jahdem wara l-"pension age" id-dritt assolut ghall-Pensjoni ta' l-Irtir skond l-istess Kap 318 jitwieled biss wara li dan jaghlaq l-eta` ta' hamsa u sittin sena billi dan ma jkunx intitolat ghal pensjoni tal-Irtir qabel ma jaghlaq l-eta` indikata "**if he fails to prove to the satisfaction of the Director that his earnings from such gainful occupation do not exceed a weekly average equivalent to the National Minimum Wage as is applicable to persons of 18 years of age or over established by a National Standard Order issued under the Conditions of Employment (Regulation) Act, and the Employment and Training Corporation had been duly informed of such gainful occupation.**" (Artikolu 45 tal-Kap 318).

Il-kaz ta' l-appellant Vincent Camilleri huwa proprju dan. Bhala "self-employed" li lahaq l-"pension age" Camilleri applika lid-Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali biex jinghata pensjoni tal-Irtir. Izda, billi l-istess Camilleri baqa' jezercita in-negozju tieghu mill-bankarella numru 44 fis-Suq tal-Belt, u bhala tali kien ghadu qed jippercepixxi introitu minn dan in-negozju, kien jinkombi lilu li jipprova sodisfacjentement lid-Direttur li l-introitu tieghu fil-gimgha ma kienx jeccedi bhala medja l-Paga Minima Nazzjonali. Fil-fehma ta' l-istess Direttur kif ukoll dik ta' l-Arbitru jidher li Camilleri ma ssodisfax dan l-obbligu u konsegwentement it-talba tieghu giet michuda.

**Ikkunsidrat.**

Minn ezami tal-provi prodotti din il-Qorti ma tistax tikkondividi s-sottomissjoni tal-appellant fis-sens li l-konkluzzjoni tal-arbitru hija bazata fuq figuri zbaljati. Jirrizulta li fis-sena precedenti ghal dik meta l-appellant irtira u li, per neccessita`, sew id-Direttur kif ukoll l-Arbitru kellhom jiehdu bhala bazi ghal kalkolu tal-introitu annwu tal-appellant, d-dhul tal-appellant kien jeccedi bil-bosta l-paga minima nazzjonali. Jekk minn dan l-introitu wiehed kellu jnaqqas d-dhul li l-appellant seta' tilef meta ma baqax jissupplixxi lill-istabilimenti imsemmija aktar 'l fuq qabel ma issottometta l-applikazzjoni tieghu ghall-pensjoni, xorta wahda jirrizulta li l-introitu tieghu fid-data releventi, u cioe` d-data meta saret l-applikazzjoni, kien tali li ma kienx jippermetti li t-talba tieghu tigi akkolta.

Infatti jirrizulta li fl-applikazzjoni tieghu l-appellant indika bhala introitu ghas-sena 1998 medja ta' LM71.80 fil-gimgha. Huwa minnu li din il-medja naqset minhabba li l-appellant ma baqax jissuplixxi certa stabbilimenti, izda, kif sewwa osserva d-Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali fin-nota tieghu tas-17 ta' Novembru, 1999 (fol. 38) dan it-tnaqqis kien jirrapresenta biss 12% tal-bejgh tal-appellant li, fil-kuntest tal-introitu totali dikjarat, xorta wahda ma kienx iwassal lill-appellant biex l-introitu tieghu jinzel taht il-Paga Minima Nazzjonali.

Jigi rilevat li kull prova li setghet tingieb fi stadju ulterjuri tal-proceduri biex jintwera li l-introitu tal-appellant naqas u anke nizel taht il-Paga Minima Nazzjonali, mhux relevanti ghal konsiderazzjoni tat-talba kif originarjament proposta billi huwa provdut fl-Artikolu 108 tal-Kap 318 li appell lill-Arbitru dwar kull decizjoni tad-Direttur jista' jsir biss fuq xi punt ta' ligi jew principju ta' importanza li jitqanqal dwar decizjonijiet li jikkoncernaw l-Artikoli 105, 106, il-proviso ta' l-Artikolu 35 u l-Artikolu 58 ta' l-istess Kapitolu u tidbil fic-cirkostanzi tal-appellant ma jaqghu taht ebda wahda minn dawn il-kazi. Inoltre din il-qorti bhala qorti ta' revizjoni ma ghandhiex tindaga x'seta' gara fil-mori tal-proceduri stante li l-appell huwa marbut ma data preciza u cioe d-data meta l-appellant lahaq "pension age". Jinghad

pero` li kull kambjament fl-"income" tal-appellant, sussegwenti ghat-talba, jew sahansitra ghad-decizjoni tad-Direttur jew tal-Arbitru, jista' jkollha rilevanza minhabba dak li hu provdut fl-Artikolu 110 tal-Kap 318 fejn jinghad espressament li kemm id-Direttur u kemm l-Arbitru li jkunu taw decizjoni fuq xi talba jistghu jirrivedu dik id-decizjoni "*if he is satisfied that: (a) it was given in ignorance of or was based on a mistake as to some material fact; or (b) since the date of the decision there has been a relevant change of circumstances",* f'liema kaz ghandu jigi determinat mil-liema data tali decizjoni riveduta ghandha jkollha effett.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti, filwaqt li tirrizerva kull dritt tal-appellanti ai termini ta' l-Artikoli 109 u 110 fuq citati, tichad l-appell bl-ispejjes kontra l-appellant.

--------------------------------TMIEM--------------------------------